**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

12.4.2018 **A8-0311/2015/err01**

# ADDENDUM

għar-rapport

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li jemenda r-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali] u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007
(COM(2014)0180 – C7-0109/2014 – 2014/0100(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Martin Häusling
A8-0311/2015

**Wara n-nota spjegattiva, għandha tiddaħħal l-opinjoni li ġejja:**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI DWAR IL-BAŻI ĠURIDIKA

27.2.2018

Is-Sur Czesław Adam Siekierski
President
Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007: (COM(2014)0180 – 2014/0100(COD))

Sur President,

Bl-ittra tal-1 ta' Frar 2018, inti kkonsultajt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 39(2) tar-Regoli ta' Proċedura, biex jeżamina r-relevanza tal-bażi ġuridika tal-proposta tal-Kummissjoni kkonċernata.

Matul il-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Frar 2018, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq.

Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 42 tat-TFUE, li jikkonċerna r-regoli tal-kompetizzjoni u tal-għajnuna mill-Istat li japplikaw għall-produzzjoni tal-prodotti agrikoli u l-bejgħ tagħhom, u l-Artikolu 43(2) tat-TFUE dwar il-Politika Agrikola Komuni u l-istabbiliment tad-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta' dik il-politika.

Bħala riżultat tan-negozjati interistituzzjonali, ir-referenza għall-Artikolu 42(1) tat-TFUE ġiet imħassra u l-Artikolu 43(2) tat-TFUE baqa' miżmum bħala l-unika bażi ġuridika tal-proposta. Din il-bidla kienet konsegwenza tat-tħassir tal-Artikolu 20(3) tal-proposta, l-unika dispożizzjoni marbuta ma' kwistjonijiet ta' kompetizzjoni.

## I - L-isfond

Fl-24 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li jemenda r-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali] u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007[1]. Il-Kummissjoni bbażat il-proposta tagħha fuq l-Artikolu 42 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 43(2) TFUE.

Matul dawn l-aħħar għaxar snin, is-suq organiku kien ikkaratterizzat minn żvilupp dinamiku xprunat minn tikbir qawwi fid-domanda. Kemm is-suq dinji globali għall-ikel organiku u kemm iż-żona ta' produzzjoni organika fl-Unjoni Ewropea kibru mill-1999 'il hawn. Madankollu, la l-provvista interna u lanqas il-qafas leġiżlattiv ma laħħqu ma' din l-espansjoni tas-suq. Ir-regoli tal-produzzjoni ma jqisux biżżejjed it-tħassib u l-aspettattivi li qed jevolvu tal-konsumaturi u taċ-ċittadini; ir-regoli tat-tikkettar huma kkumplikati; ġew identifikati dgħjufijiet fis-sistema ta' kontroll u fir-reġim kummerċjali. Il-leġiżlazzjoni hija kumplessa u tinvolvi livell għoli ta' piż amministrattiv li qed iżomm lill-bdiewa żgħar milli jingħaqdu fl-iskema organika tal-Unjoni. Uħud mill-eżenzjonijiet li kienu meħtieġa għall-iżvilupp tas-settur jidhru li ma għadhomx iġġustifikati.

Il-proposta kkonċernata għalhekk għandha l-għan li ttejjeb il-leġiżlazzjoni dwar il-produzzjoni organika bl-objettivi li tneħħi l-ostakli għall-iżvilupp sostenibbli tagħha, tiggarantixxi kompetizzjoni ġusta u tippermetti lis-suq intern jibda jiffunzjona b'mod iktar effiċjenti, u żżomm kif inhi jew ittejjeb il-fiduċja tal-konsumatur fil-prodotti organiċi.

## II - L-Artikoli Rilevanti tat-Trattat

L-Artikoli li ġejjin dwar it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, taħt it-Titolu III

[1] COM(2014)180 final.

dwar "l-Agrikoltura u s-Sajd" tat-Tielet Taqsima tat-TFUE, bit-titolu "Politika u Azzjonijiet Interni tal-Unjoni", qed jiġu mressqa bħala l-bażi ġuridika fil-proposta tal-Kummissjoni (enfasi miżjuda):

**L-Artikolu 42**
*(ex Artikolu 36 tat-TKE)*

> *Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu li jirriferi għar-regoli tal-kompetizzjoni għandhom japplikaw għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli biss safejn jista' jiġi deċiż mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tad-dispożizzjonijiet u skond il-proċedura li hemm fl-Artikolu 43(2), u meħud kont xieraq tal-objettivi imsemmija fl-Artikolu 39.*
>
> *[...]*

**L-Artikolu 43**
*(ex Artikolu 37 tat-TKE)*

> *[...]*
>
> *2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli prevista fl-Artikolu 40(1) kif ukoll id-dispożizzjonijiet l-oħra meħtieġa għall-kisba tal-objettivi tal-politika agrikola komuni u l-politika komuni tas-sajd.*
>
> *[...]*

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ukoll huma rilevanti għall-analiżi:

**L-Artikolu 39**
*(ex Artikolu 33 tat-TKE)*

> 1. L-għan tal-politika agrikola komuni għandu jkun:
>
> *(a) li tkabbar il-produzzjoni agrikola billi tippromwovi progress tekniku u billi tassigura l-iżvilupp razzjonali ta' produzzjoni agrikola u l-aħjar utilizzazzjoni possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni, speċjalment tan-nies tax-xogħol,*
>
> *(b) li tassigura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, partikolarment billi jkabbar il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura,*
>
> *(c) li tagħmel is-swieq stabbli,*
>
> *(d) li tiggarantixxi d-disponibilita' tal-provvisti,*

*(e) li tassigura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.*

*[...]*

**Artikolu 40**
*(ex Artikolu 34 tat-TKE)*

*1. Sabiex jinkisbu l-għanijiet previsti fl-Artikolu 39, għandha tiġi stabbilita organizazzjoni komuni għal swieq agrikoli.*

*Din l-organizazzjoni għandha tieħu waħda minn dawn il-forom skont il-prodotti konċernati:*

*(a) regoli komuni dwar il-kompetizzjoni;*

*(b) il-koordinament obbligatorju tad-diversi organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq;*

*(c) Organizzazzjoni tas-suq Ewropea.*

*[...]*

Matul in-negozjati interistituzzjonali, ir-referenza għall-Artikolu 42 tat-TFUE, l-ewwel subparagrafu, ġiet imħassra mill-bażi ġuridika tar-Regolament propost.

**III - Il-ġurisprudenza**

Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja "l-għażla tal-bażi ġuridika ta' att Komunitarju għandha tibbaża ruħha fuq elementi oġġettivi, suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom jinsabu, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att".[1] Għalhekk, l-għażla ta' bażi ġuridika żbaljata tista' tiġġustifika l-annullament tal-att inkwistjoni. F'dan il-kuntest, ix-xewqa ta' istituzzjoni li jkun hemm parteċipazzjoni aktar attiva fl-adozzjoni ta' att partikolari, f'liema ċirkostanzi l-att ikun ġiet adottata, kif ukoll il-ħidma li tkun saret f'aspetti oħra tal-ambitu tal-azzjoni koperta minn att partikolari huma irrilevanti biex tiġi identifikata l-bażi ġuridika korretta.[2]

Fil-każ li eżami ta' miżura juri li għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju u wieħed minnhom ikun identifikabbli bħala l-iskop jew il-komponent ewlieni jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun biss inċidentali, dik il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew il-komponent ewlieni jew predominanti.[3]

[1] Kawża C-45/86, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* (Preferenzi Tariffarji Ġeneralizzati), Ġabra 1987, p. 1439, punt 5; Kawża C-440/05, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill*, Ġabra 2007 I-9097; Kawża C-411/06, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Parlament u l-Kunsill*, Ġabra 2009, p. I-7585.
[2] Kawża C-269/97, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill*, Ġabra 2000, I-2257, punt 44.
[3] Kawża C-137/12 *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* EU:C:2013:675, punt 53; Kawża C-490/10 *Il-Parlament* vs *Il-*

Madankollu, meta miżura jkollha diversi objettivi jew komponenti kontemporanji, li jkunu marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett meta mqabbel mal-ieħor/l-oħrajn, tali miżura jkollha tiġi bbażata fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti,[1] jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli mad-drittijiet tal-Parlament Ewropew u ma jimminawhx.[2]

## IV - Għan u kontenut tal-proposta

Kif diġà ssemma, il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb il-leġiżlazzjoni dwar il-produzzjoni organika billi tneħħi l-ostakli għall-iżvilupp sostenibbli tal-produzzjoni organika fl-Unjoni; tiggarantixxi l-kompetizzjoni ġusta għall-bdiewa u għall-operaturi u tippermetti lis-suq intern jiffunzjona b’mod iktar effiċjenti; u billi żżomm jew ittejjeb il-fiduċja tal-konsumatur fil-prodotti organiċi.

L-Artikolu 1 tal-proposta jistabbilixxi l-prinċipji tal-produzzjoni organika u jistabbilixxi r-regoli li jikkonċernaw il-produzzjoni organika u l-użu tal-indikazzjonijiet li jirreferu għaliha fit-tikkettar u fir-reklamar. L-Artikolu 4 tal-proposta jispjega l-prinċipji ġenerali għal sistema ta’ ġestjoni sostenibbli għall-produzzjoni organika.

Il-Premessa 49 tal-proposta ttenni li fin-nuqqas ta’ regoli speċifiċi tal-Unjoni dwar il-preżenza ta’ sustanzi mhux awtorizzati fi prodotti organiċi, ġew żviluppati approċċi differenti madwar l-Unjoni. Il-Premessa 51 għalhekk tiddisponi li l-bdiewa huma meħtieġa jieħdu miżuri biex jipprevjenu r-riskju ta’ kontaminazzjoni minn prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati u li minkejja dawn il-miżuri, il-bdiewa jistgħu jkunu miżmuma milli jikkummerċjalizzaw il-prodotti agrikoli tagħhom bħala organiċi. F'każijiet bħal dawn, u skont l-Artikolu 42 tat-TFUE, l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni jagħtu pagamenti nazzjonali biex jikkumpensaw għat telf imġarrab.

Bl-istess mod, l-Artikolu 20(3) tal-proposta jarmonizza l-azzjoni li għandha tittieħed meta jiġu identifikati prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati, permezz tal-possibbiltà li ssir deroga mill-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013[3] sabiex l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni li jagħtu pagamenti nazzjonali biex jikkumpensaw għat-telf imġarrab mill-bdiewa dawn jiġu miżmuma milli jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom bħala organiċi minħabba li jkun fihom, mingħajr ħsieb, prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-istrumenti tal-Politika Agrikola Komuni biex ikopru dan it-telf kompletament jew parzjalment.

Madankollu, waqt in-negozjati l-Parlament u l-Kunsill qablu dwar approċċ kompletament differenti lejn il-kontaminazzjoni. Il-projbizzjoni ġenerali u mhux kondizzjonali fuq it-tikkettar u fuq il-bejgħ ta’ prodotti kkontaminati bħala organiċi ma għadhiex tidher fir-

---

*Kunsill* EU:C:2012:525, punt 45; Kawża C-155/07 *Il-Parlament* vs *Il-Kunsill*, Ġabra 2008, I-08103, punt 34.

[1] Kawża C-211/01, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill*, Ġabra 2003, I-08913, punt 40; Kawża C-178/03, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Parlament u l-Kunsill*, Ġabra 2006, I-107, punti 43 sa 56.

[2] Kawża C-300/89, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* ("Dijossidu tat-titanju"), Ġabra 1991, I-2867, punti 17 sa 25; Kawża C-268/94, *Il-Portugall* vs *Il-Kunsill*, Ġabra 1996, I-6177.

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007.

Regolament. Bl-istess mod, id-dispożizzjoni dwar il-kumpens ġiet imħassra. Minħabba li t-test li finalment sar qbil dwaru waqt it-18-il trilogu fit-28 ta' Ġunju 2017 ma għadu jinkludi l-ebda dispożizzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Artikolu 42 tat-TFUE tneħħa minn fuq il-bażi ġuridika tal-miżura.

## V - Analiżi u determinazzjoni tal-bażi ġuridika xierqa

L-Artikolu 43(2) tat-TFUE jiddisponi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tal-objettivi tal-politika agrikola komuni. Skont l-Artikolu 42 tat-TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiddeċiedu, fil-qafas tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE, sa fejn il-Kapitolu tat-Trattat li jirreferi għar-regoli tal-kompetizzjoni għandu japplika għall-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodotti agrikoli. L-Artikolu 42 jintuża biss bħala bażi ġuridika b'mod konġunt mal-Artikolu 43(2) tat-TFUE.

Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, bażi ġuridika doppja tkun ġustifikabbli biss meta l-miżura inkwistjoni jkollha żewġ objettivi jew komponenti marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett f'relazzjoni mal-ieħor.

Minħabba l-preżenza tad-dispożizzjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, ir-referenza għall-Artikolu 42 tat-TFUE fil-bażi ġuridika tidher li hija korretta. Għall-kuntrarju, jekk dik id-dispożizzjoni mhijiex inkluża fit-test finali tar-Regolament, ir-referenza għall-Artikolu 42 tat-TFUE fil-bażi ġuridika ssir waħda mhix ġustifikata.

## VI - Konklużjoni u rakkomandazzjoni

Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, u bħala konsegwenza diretta tat-tħassir tal-Artikolu 20(3) tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, ir-referenza għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 42 tat-TFUE għandha titneħħa mill-bażi ġuridika tar-Regolament.

Waqt il-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Frar 2018, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda għalhekk, b'mod unanimu[1], bi 22 vot favur, li jirrakkomanda li l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali iżommu l-Artikolu 43(2) tat-TFUE bħala l-unika bażi ġuridika tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Jean-Marie Cavada (Aġent President), Mady Delvaux, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg (Viċi Presidenti), Max Andersson, Joëlle Bergeron, Marie-Christine Boutonnet, Daniel Buda, Kostas Chrysogonos, Angel Dzhambazki, Evelyne Gebhardt, Jytte Guteland, Heidi Hautala, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Emil Radev, Evelyn Regner, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka, Kosma Złotowski, u Norbert Erdős, Michaela Šojdrová (skont l-Artikolu 200(2)).

Dejjem tiegħek,

Pavel Svoboda

*(Taffettwa l-verżjonijiet lingwistiċi kollha.)*